# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

Onor. Imhallef Dr. Giovanni Grixti LL.M., LL.D.

**Appell Numru 132/2016**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Nizar I Mustafa Al-Gadi**

Illum 28 ta' Lulju, 2022

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra **Nizar I Mustafa Al-Gadi** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 25405 (A) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar l-24 ta' Marzu, 2012 ghall-habta tad-disgha u nofs ta' filghodu (09:30hrs), gewwa 95, Sunflower, Triq L. Casolani, Birkirkara:

1. Bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti is-setgha lill-privat li jarresta, arresta, zamm jew issekwestra lil Margaret Mifsud kontra il-volonta' taghha;

2. Ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq Margaret Mifsud skond kif iccertifika Dr.N.Pace M.D. mic-centru tas-sahha tal-Mosta;
3. Ghamel lil Margaret Mifsud u lil uliedhom Hailie u Aliyyah ingurji jew theddid bil-mewt;
4. Talli fl-istess data u hin, u fix-xhur ta' qabel din id-data, fl-istess post u f'inhawi ohra f'dawn il-gzejjer gab ruhu b'mod li ta' fastidju lil Margaret Mifsud;
5. Bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Margaret Mifsud biza' li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra il-propjeta taghha jew kontra il-persuni jew il-propjeta tal-axxentendi, dixxendenti, ahwa subien jew bniet;
6. Aktar talli kkommetta reat waqt li kien taht sentenza sospiza, liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati Maltin preseduti mill-Magistrat Dr.M.Mallia LL.D. nhar it-30 t'April 2009, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti hija mitluba li titratta lill-imputat bhala recediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali meta huwa kien gie misjub hati u ikkundannat ghall-reati, b'sentenzi ta' reati maltin, liema sentenza saret defenittiva.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-7 ta' Marzu, 2016 fl-ismijiet premessi li biha l-Qorti sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonjiet dedotti kontra tieghu hlief ghal dik ta' theddid fuq il-minuri Aaliyah u Hayley (parti mit-tielet imputazzjoni) u wara li kkunsidrat li huwa recidiv, kkundannatu ghal terminu ta priguneri ja ta' tliet (3) snin;

Rat ir-rikors tal-appell intavolat mill-imputat fir-reġistru ta' din il-Qorti fl-14 ta' Marzu, 2016 li bih talab li tkun dikjarata nulla s-

sentenza appellata u b'mod alternattiv ir-riforma taghha bil-konferma ta' dik il-parti li fiha ma sabitx htija fit-theddid tal-minuri u t-thassir taghha fil-kumplament u sub-alternattivament ir-riforma tal-piena erogata;

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant kif ordnata mill-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat l-atti processwali kollha;

Ikkunsidrat:

1. Illi fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant jallega n-nullita' tas-sentenza appellata bil-gravam li din hija karenti minn wiehed mill-elementi ravvizati fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali li jaghmel minn sentenza valida skond il-ligi. L-appellant jargumenta illi l-ewwel Qorti naqset milli ssemmi l-fatti li dwarhom instab hati b'mod allura li ma kienx sodisfatt il-vot tal-ligi li jrid li persuna "tkun tista' ssegwi sewwa l-izvolgiment tal-kaz u tillimita d-dibattitu ghal dak li hu bzonjuz u dak li jirrikjedi l-iskarjamenti mehtiega". Inoltre l-fatti ma jistghux "ikunu sparparljati b'mod li wiehed irid joqghod jistghad ghaliex biex forsi jindividwahom" u finalment li ma jispettax lil din il-Qorti biex "toqghod tipprova tispigola l-fatti mix-xiehda riportati mis-sentenza";

2. Illi l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 jipprovdi hekk:

> **382. Il-Qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat**.

Issa, huwa palezament akkolt fil-gurisprudenza dwar din il-materja illi meta fis-sentenza taghha l-Qorti ssemmi, u f'dan il-kaz tirriproduci, l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat, tkun essenzjalment qed tghid il-**fatti** li dwarhom huwa kien ipprocessat b'mod allura li ikun sodisfatt ir-rekwizit kontemplat fl-artikolu 382. Dan il-punt kien mertu ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fosthom **Il-Pulizija vs Peter Abdilla** 28.7.2010**; Il-Pulizija vs Mariella Caruana** 1.12.2010**; Il-Pulizija vs John Tanti** 24.1.2013 , **Il-Pulizija vs Carmelo Polidano** 11.12.2013; **il-Pulizija vs Albert Caruana** 120/2015 tat-30 ta' Jannar, 2017 u **Il-Pulizija vs Thomas Camilleri** 314/2018 tad-29 ta' Marzu, 2021;

3. Meta l-artikolu 382 jitlob li jissemmew il-fatti ma jkunx qed jitlob ukoll ir-ragunijiet, jew motivazzjoni li wasslu ghas-sejbien ta' htija. Il-legislatur jaghmel distinzjoni bejn il-kelma "fatti" u l-kelma "ragunijiet" tant illi fl-artikolu 662(2) tal-Kodici Kriminali jsemmi b'mod car illi "**kull decizzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali u tal-Qorti Kriminali li biha tigi deciza kwistjoni ta' ligi, ghandu jkun fiha qabel kollox ir-ragunijiet li jkunu wasslu l-qorti ghal dik id-decizzjoni**". La darba l-artikolu 382, applikabbli ghas-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ma jsemmi ebda htiega ta' motivazzjoni jew ragunijiet, ifisser li ghal fini ta' validita' ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali indikazzjoni tal-fatti fil-forma ta' riproduzzjoni tal-imputazzjoni, li ma hi xejn ghajr il-fatt imputat, tissodisfa r-rekwizit ravvizat f'dak l-artikolu. Fil-kwistjoni in disamina, l-ewwel Qorti rriproducietx l-imputazzjonijiet elenkati fic-"charge sheet" u kkunsidrat dawk il-fatti wahda wahda b'mod allura illi s-sentenza taghha inghatat skond dak li jitlob l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali;

4. Illi ghalhekk ma tirrizulta ebda nullita' fis-sentenza appellata u konsegwentement dan l-aggravju qed ikun michud;

5. Illi l-aggravji fil-mertu jistghu lkoll jitqiesu bhala diretti lejn l-allegat apprezzament zbaljat tal-provi mill-ewwel Qorti li skond l-appellant sejset id-decijoni taghha "jew fuq inferenzi debboli u kontradetti, jew fuq provi li huma irrrelevanti u kompletament estraneji" u jissokta l-kritika tieghu billi jallega li "kienet wisq emozzjonali u wisq impressjonata bil-fatt li r-rikorrenti insab ghaddej proceduri kriminali u separati fuq kaz differenti rigwardanti allegat incident li gara wara d-data u perjodu mertu ta' dawn il-proceduri";

6. Il-Qorti ezaminat l-provi akkwiziti b'mod approfondit sabiex bhala Qorti ta' revizjoni tkun f'qaghda tiddeciedi jekk l-ewwel Qorti setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Minn dan l-ezami jirrizulta illi bosta mill-provi huma ta' natura indizjarja u l-kompitu tal-ewwel Qorti assuma piz aktar minn normal bil-fatt tal-mewt tal-kwerelanta wara li rregistrat ir-rapport taghha mal-Pulizija. Il-Qorti skrutinat b'mod partikolari l-ilment tal-appellant dwar in-natura tal-prova indizjarja ghaliex tista' tghid li dan hu l-pern tal-kwistjoni kollha;

7. Dwar in-natura tal-prova indizjarja l-Qrati taghna jabbraccjaw dik il-gurisprudenza li tqis li "**circumstantial evidence is often the best evidence**" (R vs Taylor 21 CRM App R21 citat f'Pulizija vs Carmelo Busuttil App Krim 6.5.1961 u mhaddan fis-sentenza Pulizia vs Carmelo Ellul Sullivan App Krim 30.10.2001). "**Il-provi indizzjarji hafna darbi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' dawn iridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci**" (Il-Pulizija vs Emanuel Seisun App Krim 9.1.1998). Ugwalment ta' importanza hu s-segwenti monitu u kawtela li "**ghalkemm il-provi indizzjarji jiggeneraw certu suspett qawwi fil-konfront tal-appellant, is-suspett mhux prova**" (Pulizija vs Mark Dimech App Krim 30.4.09). Din il-Qorti

taghmel ukoll referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Cyrus Engerer** tat-8 ta' Mejju 2014 fejn il-Qorti ghamlet rassenja gurisprudenzjali estensiva ta' dan l-aspett tal-prova fis-sistema penali taghna. Il-Qorti ccitat a propositu l-insenjament ta' Pollock C.B li tista' tghid jigbor fih l-ingredjenti essenzjali ghal-evalwazzjoni tal-prova indizzjarja b'tixbieha verament idonea meta jghid:

*It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of".* Issa, l-ewwel Qorti kienet moralment konvinta bil-provi migjuba quddiemha meta trattathom bhala holoq f'katina skond il-gurisprudenza minnha citata u b'hekk qieset li ma kien hemm ebda holqa nieqsa jew dghajfa bizzejjed biex tikkonvinciha mod iehor. Kemm allura kellha tkun aktar konvinta bl-ezempju tal-habel ipotizzat minn Pollock?;

8. Fis-sentenza appena citata, il-Qorti gabret dawn il-hsibijiet kollha prattikament f'paragrafu wiehed bil-mod segwenti:

*Kwindi jidher car mill-kazistika imsemmija kif ukoll minn din il-kwotazzjoni li biex wiehed jasal li jikkonkludi li l-provi*

*cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara **l-assjem** ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista' jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija* <u>*b'mod ragonevoli*</u> *kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita' tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita'.*

9. Illi ezaminati l-atti processwali mill-ottika ta' dan l-insenjament abbraccjat fl-intier tieghu minn din il-Qorti, hija konvinta li l-konkluzzjoni raggunta mill-ewwel Qorti hi legalment u ragjonevolment korretta;

10. Illi fl-ahhar parti tat-tieni aggravju, jigifieri dak enumerat 2(e), l-appellant josserva li ma setghax jinstab hati tal-imputazzjoni hemm ipotizzata ghaliex mkien fl-atti ma hemm esebita sentenza moghtija mill-Magistrati Dr. Michael Mallia fit-30 t'April, 2009. Ezaminati l-atti processwali jirrizulta illi l-Ispettur Elton Taliana kien esebixxa kopja ta' zewg sentenzi moghtija kontra l-imputat kif jemergi a fol 121. L-ewwel sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr. Michael Mallia fl-20 ta' Frar, 2009. Dik is-sentenza izda kienet appellata mill-istess imputat quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali liema appell kien dikjarat null b'sentenza tat-30 t'April, 2009. Ifisser dan illi hemm sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-konfront tal-imputat moghtija fit-30 t'April, 2009, id-data citata fil-komparixxi b'dan illi isem il-gudikant huwa sa zbaljat. Dan ma jfissirx li ma setghax jinstab hati kif imputat jigifieri li wettaq rejat fil-mori ta' sentenza

sopiza u ghalhekk anke din il-parti tat-tieni aggravju qed tkun michuda;

11. Illi fit-tielet aggravju l-appellant jilmenta mill-piena erogata mill-ewwel Qorti. Issa, wara li din il-Qorti ezaminat il-piena erogabbli ghall-kull reat u wara li rat l-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali kif ukoll tenut kont tar-rizultanza tal-addebitu tar-recidiva, accertat illi il-piena hekk komminata hija wahda fil-parametri tal-ligi u stante li ma hemm ebda raguni ingenti, din il-Qorti ma ghandha ebda raguni ghaliex tissostitwixxi d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti in rigward u konsegwentement dan l-aggravju qed ikun michud;

12. Ghalhekk u ghal-motivi moghtija, l-appell qed ikun michud fl-intier tieghu.